**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# ID-DIRETTIVA 2001/80/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' Ottubru 2001**

**dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni**

(ĠU L 309 , 27.11.2001, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►A1 | Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea | L 236 | 33 | 23.9.2003 |

▼B

**ID-DIRETTIVA 2001/80/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-23 ta' Ottubru 2001**

**dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropeja, u b'mod partikolari l-Artikolu 175 (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Committee ([2]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]), fid-dawl tat-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fit-2 ta' Awissu 2001,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 88/609/KEE ta' l-24 ta' Novembru 1988 dwar il-limitazzjoni ta' emmissjonijiet minn ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni ([4]) kkontribwiet għat-tnaqqis u l-kontroll ta' emissjonijiet atmosferiċi minn impjanti kbar tal-kombustjoni. Għandu jerġa' jingħad fl-interessi tal-kjarezza,

(2) Li l-Ħames Programm Ambjentali ta' Azzjoni ([5]) jistabbilixxi bħala oġġettivi li t-tagħbijiet kritiċi u l-livelli ta' ċerti tniġġis aċidifikanti bħad-diossidu tal-kubrit ($SO_2$) u l-ossidu tan-nitroġenu ($NO_X$) m'għandhomx ikunu iktar f'kull ħin u, fejn jirrigwarda l-kwalità ta' l-arja, li n-nies kollha għandhom ikunu effettivament protetti kontra r-riskji magħrufa tas-saħħa mit-tniġġis ta' l-arja.

(3) L-Istati Membri kollha ffirmaw il-Protokoll ta' Gothenburg ta' l-1 ta' Diċembru 1999 għall-Konvenzjoni ta' l-1979 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (KENU) dwar it-tniġġis ta' l-arja f'distanza twila tul il-fruntieri biex jitnaqqas l-aċidifikazzjoni, l-ewtrofikazzjoni u l-ożonu fl-art, li jinkludi, fost l-oħrajn, impenn għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit u l-ossidi tan-nitroġenu.

(4) Il-Kummissjoni ippubblikat Komunikazzjoni dwar strateġija Komunitarja biex tiġġieled l-aċidifikazzjoni fejn ir-reviżjoni tad-Direttiva 88/609/KEE kienet identifikata bħala komponent integrali ta' dik l-istrateġija bl-iskop fit-tul għal tnaqqis ta' l-emmisjonijiet tad-diossidu tal-kubrit u l-ossidi tan-nitroġenu biżżejjed biex id-deposizzjonijiet u l-konċentrazzjonijiet jitniżżlu għal livelli taħt it-tagħbijiet u l-livelli kritiċi.

(5) Skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat, l-oġġettiv tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet aċidifikanti minn impjanti kbar ta' kombustjoni ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment u l-azzjoni skonċertata ma toffri ebda garanzija ta' l-akkwist tal-oġġettiv mixtieq; bl-iskop tal-bżonn li jitnaqqsu l-emissjonijiet aċidifikanti tul il-Komunità, huwa iktar effettiv li tittieħed azzjoni f'livell Komunitarju.

---

([1]) ĠU C 300, 29.9.1998, p. 6,ĠU Ċ 212 E, 25.7.2000, p. 36.

([2]) ĠU C 101, 12.4.1999, p. 55.

([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' April 1999 (ĠU C 219, 30.7.1999, p. 175), Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tad-9 ta' Novembru 2000 (ĠU C 375, 28.12.2000, p. 12) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2001 (għad mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Settembru 2001 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001.

([4]) ĠU L 336, 7.12.1988, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 94/66/KE (ĠU L 337, 24.12.1994, p. 83).

([5]) ĠU C 138, 17.5.1993, p. 1.

▼B

(6) Impjanti kbar tal-kombustjoni eżistenti huma kontributuri sinifikattivi ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit u l-ossidu tan-nitroġenu fil-Komunità u huwa meħtieġ li jitnaqqsu dawn l-emissjonijiet. Huwa għalhekk meħtieġ li jkun adattat l-approċ għall-karatteristiċi differenti tas-settur kbir ta' l-impjanti tal-kombustjoni fl-Istati Membri

(7) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ta' l-24 ta' Settembru 1996 dwar il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis ([1]) u tistabbilixxi approċ integrat għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis fejn l-aspetti kollha ta' l-atteġjament ambjentali tal-istallazzjoni huma kunsidrati b'mod integrat; stallazzjonijiet ta' kombustjoni b'input termiku kwotat li jaqbeż il-50 MW huma inklużi fi ħdan l-iskop ta' dik id-Direttiva; skond l-Artikolu 15 (30 ta' dik id-Direttiva, inventarju ta' l-emissjonijiet u s-sorsi prinċipali responsabbli għandu jiġi pubblikat kull tlett snin mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' data fornita mill-Istati Membri. Skond l-Artikolu 18 ta' dik id-Direttiva, waqt li jaġixxi fuq proposta mill- Kummissjoni, il-Kunsill jistabbilixxi valuri ta' limiti ta' emissjoni skond il-proċeduri stabbiliti fit-Trattat li għalihom il-bżonn għal azzjoni Komunitarja ġiet identifikata, fuq il-bażi, b'mod partikolari, ta' skambju ta' informazzjoni provduta fl-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva.

(8) Konformità mal-valuri ta' limiti ta' emissjoni stabbiliti b' din id-Direttiva għandha titqies bħala kondizzjoni meħtieġa imma mhux suffiċjenti għal konformità mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 96/61/KE dwar l-użu ta' l-aħjar teknika disponibbli. Din il-konformità tista' tinvolvi iktar valuri ta' limiti stretti ta' emissjoni, valuri ta' limiti ta' emissjoni għal sustanzi oħra u medja oħra, u kondizzjonijiet xierqa oħra.

(9) L-esperjenza industrijali fl-implimentazzjoni ta' tekniki għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' tniġġis minn impjanti kbar ta' kombustjoni ġiet akkwistata tul perjodu ta' 15-il sena.

(10) Il-Protokoll dwar metalli tqal mal-Konvenzjoni KEENU dwar it-tniġġis ta' l-arja f'distanzi twal tul il-fruntieri jirrakkomanda l-adozzjoni ta' miżuri biex inaqqsu metalli tqal li joħorġu minn ċerti stallazzjonijiet. Huwa magħruf li benefiċċji mit-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' trab permezz ta' tagħmir għat-tnaqqis ta' trab jipprovdu benefiċċji għat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' metall tqil bil-partiċelli.

(11) L-Istallazzjonijiet għall-produzzjoni ta' l-elettriku jirrappreżentaw parti importanti mis-settur ta' l-impjanti kbar tal-kombustjoni.

(12) Id-Direttiva 96/92/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku ([2]) hija maħsuba fost l-oħrajn li jkollha l-effett li tqassam kapaċità ġdida ta' produzzjoni qalb żidiet ġodda fis-settur.

(13) Il-Komunità hija mpenjata lejn tnaqqis ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-karbun. Fejn tista' ssir, il-produzzjoni konġunta ta' sħana u elettriku tirrappreżenta opportunità ta' valur għal titjib sinifikattiv globali ta' l-effiċjenza fl-użu tal-karburant.

(14) Żieda sinifikattiva fl-użu tal-gass naturali għall-produzzjoni ta' l-elettriku diġà qiegħda seħħ u x'aktarx tkompli, b'mod partikolari permezz ta' l-użu ta' turbini tal-gass.

(15) Bil-għan taż-żieda fil-produzzjoni ta' l-enerġija minn biomass, standards speċifiċi ta' emissjoni għal dan il-karburant huma ġustifikati.

(16) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 1997 dwar strateġija Komunitarja għall-imaniġġar ta' l-iskart ([3]) tenfasizza l-bżonn għall-promozzjoni ta' l-irkuprar ta' l-iskart u tgħid li l-istandards ta' emissjoni xierqa għandhom japplikaw għall-operar tal-faċilitajiet fejn l-iskart huwa maħruq sabiex jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-ambjent.

([1]) ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26.
([2]) ĠU L 27, 30.1.1997, p. 20.
([3]) ĠU C 76, 11.3.1997, p. 1.

▼B

(17) Ġiet akkwistata esperjenza industrijali dwar tekniki u tagħmir għall-kejl tat-tniġġis prinċipali maħruġa minn impjanti kbar tal-kombustjoni; Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (KES) qed jagħmel xogħol bl-iskop li jipprovdi qafas li jiżgura riżultati ta' kejl ta' paragun fi ħdan il-Komunità u li jiggarantixxi livell għoli ta' kwalità ta' dawn il-miżuri.

(18) Hemm bżonn ta' titjib fit-tagħrif li jikkonċerna l-emissjoni tat-tniġġis prinċipali minn impjanti kbar tal-kombustjoni. Sabiex tkun ġenwinament rappreżentattiva tal-livell ta' tniġġis ta' stallazzjoni, din l-informazzjoni għandha wkoll tkun assoċjata ma' tagħrif li jikkonċerna l-konsum ta' l-enerġija tagħha.

(19) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-limiti ta' żmien li fi ħdanhom l-Istati Membri jridu jibdlu u jimplimentaw id-Direttiva 88/609/KEE,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Din id-Direttiva għandha tapplika għal impjanti ta' kombustjoni, li l-input termiku kwotat tagħhom huwa ugwali għal jew ikbar minn 50 MW, irrispettivament mit-tip ta' karburant użat (solidu, likwidu jew tal-gass).

*Artikolu 2*

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(1) "emissjoni" tfisser l-iskarika ta' sustanzi mill-impjant tal-kombustjoni għal ġo l-arja,

(2) "gassijiet ta' l-iskart" tfisser skariki ta' gass li jkun fihom emissjonijiet solidi, likwidi jew ta' gass; ir-rati tad-distribuzzjoni volumetrika tagħhom għandhom ikunu espressi f'metri kubi għal kull siegħa f'temperatura standard (273 K) u pressjoni (101,3 kPa) wara l-korrezzjoni għall-kontenut tal-water vapour, minn hawn 'il quddiem magħruf bħala ($Nm^3/h$);

(3) "il-valur tal-limitu ta' l-emissjoni" tfisser il-kwantità permessa ta' sostanza fil-gassijiet ta' l-iskart mill-impjant ta' kombustjoni li jistgħu ikunu skarikati fl-arja tul perjodu partikolari; huwa għandu jkun kalkulat bħala massa għal volum tal-gassijiet ta' l-iskart espressa f'$mg/Nm^3$, meta wieħed jassumi li l-kontenut ta' l-ossiġenu skond il-volum fil-gas ta' l-iskart ta' 3 % fil-każ ta' karburanti likwidi u ta' gass, 6 % fil-każ ta' karburanti solidi u 15 % fil-każ ta' turbini tal-gass;

(4) "ir-rata ta' *desulphurisation*" tfisser il-proporzjon tal-kwantità ta' kubrit li ma jintefax fl-arja fis-sit ta' l-impjant tal-kombustjoni tul perjodu partikolari għall-kwantità ta' kubrit li jkun fil-karburant li hu introdott fil-faċilitajiet ta' l-impjanti tal-kombustjoni u li huwa użat tul l-istess perjodu;

(5) "operatur" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li topera l-impjant tal-kombustjoni, jew li hi jew li ġiet delegata poter ekonomiku deċiżiv fuqu;

(6) "karburant" tfisser kull materjal kombustibbli solidu, likwidu jew ta' gass użat biex iqabbad l-impjant tal-kombustjoni bl-eċċezzjoni ta' l-iskart kopert bid-Direttiva tal-Kunsill 89/369/KEE tat-8 ta' Ġunju 1989 dwar il-prevenzjoni tat-tniġġis ta' l-arja minn impjanti ġodda ta' inċinerazzjoni ta' l-iskart muniċipali ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill 89/429/KEE tal-21 ta' Ġunju 1989 dwar it-tnaqqis ta' tniġġis ta' l-arja minn impjanti eżistenti ta' inċinerazzjoni ta' l-iskart muniċipali ([2]), u d-Direttiva tal-Kunsill 94/67/KE tas-16 ta'

([1]) ĠU L 163, 14.6.1989, p. 32.
([2]) ĠU L 203, 15.7.1989, p. 50.

▼B

Diċemrbu 1994 dwar l-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż ([1]) jew xi att Komunitarju sussegwenti li jħassar u jissostitwixxi wieħed jew iktar minn dawn id-Direttivi;

(7) "impjant ta' kombustjoni" tfisser kull apparat tekniku fejn il-karburanti huma ossidizzati sabiex jużaw is-sħana ġenerata.

Din id-Direttiva għandha tapplika biss għal impjanti ta' kombustjoni disinjati għall-produzzjoni ta' l-enerġija ħlief għal dawk li jagħmlu użu dirett mill-prodotti ta' kombustjoni fil-proċessi tal-manifattura. B'mod partikolari, din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għall-impjanti ta' kombustjoni li ġejjin:

(a) impjanti fejn il-prodotti tal-kombustjoni huma wżati biex isaħħnu direttament, inixxfu, jew xi trattament ieħor ta' oġġetti jew materjali e.ż. fran biex isaħħnu mill-ġdid, fran għat-trattament tas-sħana;

(b) impjanti ta' post-kombustjoni jiġifieri kull apparat tekniku disinjat biex jippurifika l-gassijiet ta' l-iskart bil-kombustjoni li mhux operat bħala impjant ta' kombustjoni indipendenti;

(ċ) faċilitajiet għar-riġenerazzjoni ta' katalisti ta' xquq katalitiku;

(d) faċilitajiet għall-konverżjoni ta' sulfide ta' l-idroġenu f'kubrit;

(e) reatturi wżati fl-industrija kemikali;

(f) fran ta' coke battery;

(ġ) cowpers;

(ħ) kull apparat tekniku wżat fil-propulsjoni ta' vettura, vapur jew ajruplan;

(i) turbini tal-gass użati fuq pjattaformi barra mill-kosta;

(j) turbini tal-gass mogħtija liċenza qabel is-27 ta' Novembru 2002 jew li minħabba l-awtorità kompetenti huma s-suġġett ta' talba sħiħa għal liċenza qabel is-27 ta' Novembru 2002, kemm-il darba l-impjant ma jitħaddimx iktar tard mis-27 ta' Novembru 2003 mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7 (1) u l-Anness VIII (A) u (B);

Impjanti mmexxija b'inġenji ta' diesel, petrol u gass m'għandhomx ikunu koperti b'din id-Direttiva.

Meta jkunu nstallati żewġ jew iktar impjanti ġodda separati, b'mod li, meta wieħed jieħu kont tal-fatturi tekniċi u ekonomiċi, il-gassijiet ta' l-iskart tagħhom jistgħu, fil-ġudizzju ta' l-awtoritajiet kompetenti, jkunu skarikati permezz ta' ħemel komuni, il-kombinazzjoni ffurmata minn dawn l-impjanti għandha titqies bħala unità singola;

(8) "unità tan-nar multi-karburant" tfisser kul impjant tal-kombustjoni li jista' jitqabbad simultanjament jew alternatament b' żewġ tipi ta' karburant jew iktar;

(9) "impjant ġdid" tfisser kull impjant tal-kombustjoni li għalih il-liċenza oriġinali tal-kostruzzjoni jew, fl-assenza ta' din il-proċedura, il-liċenza ġenerali ta' l-operat kienet mogħtija fi jew wara l-1 ta' Lulju 1987;

(10) "impjant eżistenti" tfisser kull impjant tal-kombustjoni li għalih il-liċenza oriġinali tal-kostruzzjoni jew, fl-assenza ta' din il-proċedura, il-liċenza oriġinali ta' l-operat kienet mogħtija qabel l-1 ta' Lulju 1987;

(11) "biomass" tfisser prodotti li jikkonsistu minn kull materja veġetali mill-agrikoltura jew il-forestrija sħiħa jew parti li tista' tiġi wżata għall-iskop ta' l-irkuprar tal-kontenut ta' l-enerġija tagħha u l-iskart li ġej użat bħala karburant:

(a) skart veġetali mill-agrikoltura u l-forestrija;

(b) skart veġetali mill-industrija ta' l-ipproċessar ta' l-ikel, jekk is-sħana ġenerata hi rkuprata;

([1]) ĠU L 365, 31.12.1994, p. 34.

▼B

(ċ) skart veġetali tal-fibri mill-produzzjoni tal-polpa verġni u mill-produzzjoni ta' karta mill-polpa, jekk hi ko-inċinerata fil-post tal-produzzjoni u s-sħana ġenerata hi rkuprata;

(d) skart tas-sufra;

(e) skart ta' l-injam ħlief għall-iskart ta' l-injam li jista' jkun fih komposti organiċi aloġenizzati jew metalli tqal bħala riżultat tat-trattament bi preservattiv jew kisja ta' l-injam, u li jinkludi b'mod partikolari dak l-iskart ta' l-injam li joriġina mill-iskart ta' kostruzzjoni u twaqqiegħ;

(12) "turbini tal-gass" tfisser kull magna li ddur li tikkonverti l-enerġija termali f'xogħol mekkaniku, li tikkonsisti b'mod ewlieni f'kumpressur, strument termiku fejn il-karburant huwa ossidizzat sabiex isaħħan il-fluwidu operattiv, u turbin.

(13) "Ir-Reġjuni l-iktar fuq barra" tfisser id-Dipartimenti Franċiżi barra x-Xtut rigward Franza, l-Azores u Madeira rigward il-Portugall u l-Gżejjer Kanarji rigward Spanja.

*Artikolu 3*

1. Sa mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 1990 l-Istati Membri għandhom ifasslu programmi xierqa għat-tnaqqis progressiv ta' l-emissjonijiet annwali totali minn impjanti eżistenti. Il-programmi għandhom jistabbilixxu ż-żmien u l-proċeduri ta' implimentazzjoni.

2. Skond il-programmi msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jikkonformaw mal-limiti ta' l-emissjonijiet u mal-perċentwali korrispondentitat-tnaqqis stabbiliti għad-diossidu tal-kubrit fl-Anness I, il-kolonni 1 sa 6, u għall-ossidi tan-nitroġenu fl-Anness II, il-kolonni 1 sa 4, sad-dati speċifikati f'dawk l-Annessi, sa l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4 li japplikaw għall-impjanti eżistenti.

3. Meta l-programmi jkunu qed jitwettqu, l-Istati Membri għandhom ukoll jiddeterminaw l-emissjonijiet annwali totali skond l-Anness VIII (Ċ).

4. 4. Jekk bidla sostanzjali u mhux mistennija fid-domanda għall-enerġija jew fid-disponibilità ta' ċerti karburanti jew ċerti stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni toħloq diffikultajiet tekniċi serji għall-implimentazzjoni minn Stat Membru tal-programm tiegħu imfassal taħt il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, fuq it-talba ta' l-Istat Membri konċernat u waqt li tieħu kont tat-termini tat-talba, tieħu deċiżjoni biex timmodifika, għal dak l-Istat Membru, il-limiti ta' emissjonijiet u/jew id-dati stabbiliti fl-Annessi I u II u tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Istati Membri. Kull Stat Membru jista' fi żmien tlett xhur jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' fi żmien tlett xhur jieħu deċiżjoni differenti.

*Artikolu 4*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 17, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-liċenzi kollha għall-kostruzzjoni, jew fl-assenza ta' din il-proċedura, għall-operar ta' impjanti ġodda li skond l-awtorità kompetenti huma s-suġġett ta' talba sħiħa għal liċenza qabel is-27 ta' Novembru 2002, kemm-il darba l-impjant ma jitħaddimx iktar tard mis-27 ta' Novembru 2003, ikollu kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' konformità mal-valuri tal-limiti ta' emissjoni stabbiliti fil-parti A ta' l-Annessi III sa VII dwar id-diossidu il-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu u t-trab.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-liċenzi kollha għall-kostruzzjoni jew, fl-assenza ta' din il-proċedura, għall-operar ta' impjanti ġodda, barra minn dawk koperti bil-paragrafu 1, ikollhom kondizzjonijiet dwar konformità mal-valuri tal-limiti ta' emissjoni stabbiliti fil-parti B ta' l-Annessi III sa VII dwar id-diossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu u t-trab.

3. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 96/61/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE tas-27 ta' Settembru 1996 dwar l-evalwar u l-immaniġġar tal-kwalità ta' l-arja ambjentali ([1]), l-Istati Membri għandhom sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2008, jiksbu tnaqqis ta' emissjonijiet sinifikanti billi:

(a) jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li l-liċenzi kollha għall-operar ta' l-impjanti eżistenti jkun fihom kondizzjonijiet dwar konformità mal-valuri tal-limiti ta' emissjoni stabbiliti għal impjanti ġodda msemmija fil-paragrafu 1; jew

(b) jiżguraw li l-impjanti eżistenti huma soġġetti għall-pjan nazzjonali ta' tnaqqis ta' emissjonijiet imsemmi fil-paragrafu 6;

u, fejn xieraq, japplikaw l-Artikoli 5, 7 u 8.

4. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 96/61/KE u 96/62/KE, l-impjanti eżistenti jistgħu ikunu eżentati minn konformità mal-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 u mid-dħul tagħhom fil-pjan nazzjonali ta' tnaqqis ta' emissjonijiet fuq il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operatur ta' impjant eżistenti jobbliga, f'dikjarazzjoni bil-mitkub sottomessa sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2004 lill-awtorità kompetenti, li ma joperax l-impjant għal iktar minn 20 000 siegħa operattiva li jibdew mill-1 ta' Jannar 2008 u jispiċċaw mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015;

(b) l-operatur huwa meħtieġ jissottometti kull sena lill-awtorità kompetenti rekord tal-ħin utilizzat u dak mhux utilizzat permess għall-ħajja operattiva li jifdal tal-impjanti.

5. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu konformità mal-valuri tal-limiti ta' emissjoni u l-limiti taż-żmien għall-implimentazzjoni li huma iktar stretti minn dawk stabbiliti fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 u fl-Artikolu 10. Huma jistgħu jinkludu tniġġis ieħor, u jistgħu jimponu ħtiġijiet addizzjonali jew adattament ta' l-impjant għall-progress tekniku.

6. L-Istati Membri jistgħu, mingħajr preġudizzju għal din id-Direttiva u għad-Direttiva 96/61/KE, u waqt li jikkunsidraw l-ispejjeż u l-benefiċċji kif ukoll l-obbligi tagħhom taħt id-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limiti nazzjonali ta' emissjonijiet għal ċertu tniġġis atmosferiku ([2]) u d-Direttiva 96/62/KE, jiddefinixxu u jimplimentaw pjan ta' tnaqqis nazzjonali ta' emissjonijiet għal impjanti eżistenti, waqt li jieħdu kont, fost l-oħrajn, tal-konformità mal-limiti stabbiliti fl-Annessi I u II.

Il-pjan ta' tnaqqis nazzjonali ta' emissjonijiet għandu jnaqqas l-emissjonijiet annwali totali ta' l-ossidi tan-nitroġenu ($NO_X$), id-diossidu tal-kubrit ($SO_2$) u t-trab minn impjanti eżistenti għal-livelli li kienu jkunu akkwistati bl-applikazzjoni tal-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 għall-impjanti eżistenti operattivi fis-sena 2000, (inkluż dawk l-impjanti eżistenti li għaddejjin minn pjan ta' riabilitazzjoni fl-2000, approvati mill-awtorità kompetenti, sabiex jilħqu t-tnaqqis ta' emissjonijiet meħtieġa bil-leġislazzjoni nazzjonali) fuq il-bażi tal-ħin operattiv attwali annwali, il-karburant użat u l-input termiku, ta' kull impjant, fuq medja ta' l-aħħar ħames snin ta' operazzjoni sa u inkluż l-2000.

L-egħluq ta' impjant inkluż fil-pjan nazzjonali tat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet m'għandux jirriżulta f'żieda fl-emissjonijiet totali annwali mill-impjanti li jibqa' koperti mill-pjan.

([1]) ĠU L 296, 21.11.1996, p. 55.
([2]) Ara p. 22 ta' din l-Edizzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

Il-pjan nazzjonali għal tnaqqis ta' l-emissjonijiet ma jista' taħt ebda ċirkostanzi jeżenta impjant mid-disposizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti, inkluż fost l-oħrajn id-Direttiva 96/61/KE.

Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-pjanijiet nazzjonali għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet:

(a) il-pjan għandu jinkludi oġġettivi u l-miri relatati, miżuri u skedi biex jintlaħħqu dawn l-oġġettivi u l-miri, u mekkaniżmu ta' monitoraġġ;

(b) L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-pjan nazzjonali tagħhom għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet lill-Kummissjoni mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2003;

(ċ) fi żmien sitt xhur mill-komunikazzjoni msemmija fil-punt (b), il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk il-pjan jilħaqx il-ħtiġijiet ta' dan il-paragrafu jew le. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li dan mhuwiex il-każ, hija għandha tinforma lill-Istat Membru u fi żmien it-tlett xhur sussegwenti l-Istat Membru għandu jikkomunika kull miżura li ħa sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' dan il-paragrafu jintlaħħqu;

(d) il-Kummissjoni għandha, mhux iktar tard mis-27 ta' Novembru 2002, tiżviluppa linji ta' gwida biex tassisti lill-Istati Membri fil-preparazzjoni tal-pjanijiet tagħhom.

7. Sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2004 u fid-dawl tal-progress lejn il-protezzjoni tas-saħħa umana u l-kisba ta' l-oġġettivi ambjentali Komunitarji għall-aċidifikazzjoni u għal kwalità ta' l-arja skond id-Direttiva 96/62/KE, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih tevalwa:

(a) l-bżonn għal iktar miżuri:

(b) l-ammonti ta' metalli tqal mitfugħa minn impjanti kbar tal-kombustjoni:

(ċ) l-effettività tal-prezz u l-ispejjeż u l-vantaġġi ta' iktar tnaqqis ta' emissjonijiet fis-settur ta' l-impjanti ta' kombustjoni fl-Istati Membri mqabbla ma' setturi oħra;

(d) kemm teknikament u ekonomikament jista' jsir dan it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet;

(e) l-effetti ta' l-istandards stabbiliti kemm għas-settur ta' l-impjanti kbar tal-kombustjoni inkluż id-disposizzjonijiet għall-karburanti solidi indiġeni, u kemm is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq ta' l-enerġija, fuq l-ambjent u s-suq intern;

(f) kull pjan nazzjonali ta' tnaqqis ta' emissjonijiet provdut mill-Istati Membri skond il-paragrafu 6.

Il-Kummissjoni għandha tinkludi fir-rapport tagħha proposta xierqa ta' dati possibbli għat-tmiem jew ta' valuri ta' limiti baxxi għad-deroga li qiegħdha fin-nota tal-qiegħ 2 mal-Anness VI A.

8. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 7 għandu, kif xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti relatati li jieħdu kont tad-Direttiva 96/61/KE.

*Artikolu 5*

B'deroga mill-Anness III:

(1) Impjanti, ta' input termiku ratifikat ugwali għal jew ikbar minn 400 MW, li ma joperawx iktar minn dan in-numru ta' sigħat fis-sena (medja tul perjodu ta' ħames snin),

— sal- 31 ta' Diċembru 2015, 2 000 siegħa;

— mill-1 ta' Jannar 2016, 1 500 siegħa;

għandhom ikunu soġġetti għal valur ta' limitu għall-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit ta' 800 $mg/Nm^3$.

Din id-disposizzjoni m'għandhiex tapplika għal impjanti ġodda li għalihom tingħata liċenza skond l-Artikolu 4 (2).

▼B

(2) Sal-31 ta' Diċembru 1999, ir-Renju ta' Spanja jista' jawtorizza impjanti ġodda b'input termiku ratifikat ugwali għal jew ikbar minn 500 MW li jaħarqu karburanti solidi indiġeni jew impurtati, kummissjonati qabel l-aħħar ta' l-2005 u li jikkonformaw mal-ħtiġijiet li ġejjin:

(a) fil-każ ta' karburanti solidi impurtati, valur ta' limitu ta' emissjoni tad-diossidu tal-kubrit ta' 800 mg/Nm$^3$;

(b) fil-każ ta' karburanti solidi indiġeni, mill-inqas rata ta' desulphurisation ta' 60 %,

kemm-il darba l-kapaċità totali awtorizzata ta' dawn l-impjanti li għalihom tapplika din id-deroga ma taqbiżx:

— 2 000 MWe fil-każ ta' impjanti li jaħarqu karburanti solidi indiġeni;

— fil-każ ta' impjanti li jaħarqu karburanti solidi impurtati jew 7 500 jew 50 % tal-kapaċità ġdida kollha ta' l-impjanti kollha li jaħarqu karburati solidi sal-31 ta' Diċembru 1999, skond liema jkun l-iktar baxx.

*Artikolu 6*

Fil-każ ta' impjanti ġodda li għalihom tingħata liċenza skond l-Artikolu 4(2) jew impjanti koperti bl-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun eżaminata l-possibiltà teknika u ekonomika għall-provvista tal-ġenerazzjoni kumbinata tas-sħana u l-power. Fejn din il-possibiltà hi konfermata, meta wieħed iżomm f'moħħu s-sitwazzjoni tas-suq u d-distribuzzjoni, l-istallazzjonijiet għandhom ikunu żviluppati kif xieraq.

*Artikolu 7*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir disposizzjoni fil-liċenzi jew il-permessi msemmija fl-Artikolu 4 għal proċeduri li għandhom x'jaqsmu mat-tħaddim ħażin jew il-waqfien tat-tagħmir għat-tnaqqis. Fil-każ ta' waqfien, l-awtorità kompetenti għandha b'mod partikolari teħtieġ li l-operatur inaqqas jew jagħlaq l-operazzjonijiet jekk fi żmien 24 siegħa ma jirritornax għan-normali, jew li jopera l-impjant bl-użu ta' karburanti li jniġġsu anqas. F'kull każ l-awtorità kompetenti għandha tiġi notifikata fi żmien 48 seigħa. Fl-ebda ċirkostanza m'għandu t-tul kumulattiv ta' operazzjoni mhux imnaqqsa, f'xi perjodu ta' tnax-il xahar, jaqbeż il-120 siegħa. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti eċċezzjonijiet sal-limiti ta' 24 siegħa u 120 siegħa 'l fuq f'każijiet fejn, fil-ġudizzju tagħha:

(a) hemm bżonn kbir li jkun mantnut il-forniment ta' l-enerġija,

jew

(b) l-impjant li jieqaf ikun sostitwit għal perjodu limitat minn impjant ieħor li jikkawża żieda globali fl- emissjonijiet.

2. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti sospensjoni għal massimu ta' sitt xhur mill-obbligu ta' konformità mal-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet previsti fl-Artikolu 4 għad-diossidu tal-kubrit dwar impjant li għal dan l-iskop normalment juża karburant ta' kubrit baxx, f'każijiet fejn l-operatur ma jistax jikkonforma ma' dawn il-valuri tal-limiti minħabba interruzzjoni fil-forniment ta' karburant ta' kubrit baxx kawżat min nuqqas serju. Il-Kummissjoni għandha immedjatament tkun informata b'dawn il-każijiet.

3. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti deroga mill-obbligu ta' konformità mal-valuri tal-limiti ta' emissjoni provduti fl-Artikolu 4 f'każijiet fejn impjant li normalment juża biss karburant ta' gass, u li kieku kien ikollu jkun mgħammar b'faċilità ta' purifikazzjoni ta' l-iskart tal-gass, għandu f'każ eċċezzjonali, u għal perjodu li ma jaqbiżx l-10 ijiem ħlief fejn hemm bżonn kbir li jkunu mantnuti fornimenti ta' l-enerġija, idur għall-użu ta' karburanti oħra minħabba interruzzjoni f'daqqa fil-forniment tal-gass. L-awtorità kompetenti għandha immedjatament tkun infurmata b'kull każ speċifiku hekk kif jinħoloq. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni immedjatament bil-każijiet imsemmija f'dan il-paragrafu.

▼B

*Artikolu 8*

1. Fil-każ ta' impjanti b'multi-firing unit li jinvolvi l-użu simultanju ta' żewġ karburanti jew iktar, meta tingħata l-liċenza msemmija fl-Artikoli 4(1) jew 4 (2), u fil-każ ta' dawn l-impjanti koperti bl-Artikoli 4 (3) jew 10, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-valuri tal-limitu kif ġej:

(a) l-ewwel billi tieħu l-valur tal-limitu ta' emissjoni rilevanti għal kull karburant u tniġġis individwali li jikkorrispondi għall-input termiku ratejali ta' l-impjant ta' kombustjoni kif mogħti fl-Annessi III sa VII.

(b) it-tieni billi jkunu deċiżi l-valuri tal-limiti ta' emisjonijiet skond il-karburant, li jinkisbu bil-multiplikazzjoni tal-valur tal-limitu ta' emissjonijiet individwali bl-input termiku mogħti minn kull karburant, bir-riżultat tal-multiplikazzjoni jkun diviż bis-somma ta' l-inputs termiċi mogħtija mill-karburanti kollha,

(ċ) it-tielet billi jiġu aggregati l-valuri tal-limitu skond il-karburant.

2. F'multi-firing units li jużaw ir-residwi ta' distillazzjoni u konverżjoni mill-irfinar taż-żejt krud għall-konsum proprju, waħdu jew ma' karburanti oħra, id-disposizzjonijiet għall-karburant bl-ogħla valur tal-limitu ta' emissjoni (il-karburant determinanti) għandu japplika, minkejja l-paragrafu 1 fuq, jekk matul l-operazzjoni tal-impjant ta' kombustjoni, il-proporzjon kontribwit minn dak il-karburant lis-somma ta' l-inputs termiċi mogħtija mill-karburanti kollha hu mill-inqas 50 %.

Meta l-proporzjon tal-karburant determinanti hu iktar baxx minn 50 %, il-valur tal-limitu ta' emissjoni huwa determinat fuq bażi pro rata ta' l-input tas-sħana mogħti mill-karburanti individwali f'relazzjoni mas-somma ta' l-inputs termiċi konsenjati mill-karburanti kollha kif ġej:

(a) l-ewwel billi tieħu l-valur tal-limitu ta' emissjoni rilevanti għal kull karburant u tniġġis individwali li jikkorrispondi għall-input termiku ratejali ta' l-impjant ta' kombustjoni kif mogħti fl-Annessi III sa VII.

(b) it-tieni billi jkun kalkulat il-valur tal-limitu ta' emissjoni tal-karburant determinant (il-karburant bl-ogħla valur tal-limitu ta' emissjoni skond l-Annessi III sa VII u, fil-każ ta' żewġ karburanti li jkollhom l-istess valur tal-limitu ta' emissjoni, il-karburant bl-ogħla input termiku); dan il-valur hu miksub bil-multiplikazzjoni tal-valur tal-limitu ta' emissjoni stabbilit fl-Annessi III sa VII għal dak il-karburant b'fattur ta' tnejn, u bit-tnaqqis minn dan il-prodott, tal-valur tal-limitu ta' emissjoni tal-karburant li għandu l-valur tal-limitu ta' emissjoni l-iktar baxx,

(ċ) it-tielet billi jiġu determinati l-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet skond il-karburant, li huma miksuba bil-multiplikazzjoni tal-valur tal-limitu ta' emissjoni tal-karburant kalkulat bl-input termiku tal-karburant determinanti u l-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet l-oħra bl-input termiku mogħti minn kull karburant, bir-riżultat tal-multiplikazzjoni jkun diviż bis-somma ta' l-inputs termiċi mogħtija mill-karburanti kollha,

(d) ir-raba' billi jiġu aggregati l-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet skond il-karburant.

3. Bħala alternattiva għall-paragrafu 2, il-valuri tal-limiti ta' emissjoni li ġejjin għad-diossidu tal-kubrit jistgħu jiġu applikati (irrispettivament mill-kombinazzjoni tal-karburant użat):

(a) għal impjanti msemmija fl-Artikolu 4 (1) u (3): 1 000 mg/Nm$^3$, fuq medja ta' dawn l-impjanti kollha fl-irfinatur;

(b) għal impjanti ġodda msemmija fl-Artikolu 4 (2): 600 mg/Nm$^3$, fuq medja ta' dawn l-impjanti kollha fl-irfinatur, bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni ma twassalx għal żieda fl-emissjonijiet minn impjanti eżistenti.

▼B

4. Fil-każ ta' impjanti b'multi-firing units li jinvolvu l-użu simultanju ta' żewġ karburanti jew iktar, meta tingħata l-liċenza msemmija fl-Artikoli 4(1) u (2), u fil-każ ta' dawn l-impjanti koperti mill-Artikoli 4 (3) jew 10, il-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet stabbiliti fl-Annessi III sa VII li jikkorrispondu għal kull karburant użat, għandhom jiġu applikati.:

*Artikolu 9*

Gassijiet tal-iskart minn impjanti tal-kombustjoni għandhom jiġu mneħħija b'mod kontrollat permezz ta' munzelli. Il-liċenza msemmija fl-Artikolu 4 u l-liċenzi għal impjanti ta' kombustjoni koperti bl-Artikolu 10 għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet ta' tneħħija. L-awtorità kompetenti għandha b'mod partikolari tiżgura li l-għoli tal-munzell hu kalkulat b'mod li jissalvagwarda s-saħħa u l-ambjent.

*Artikolu 10*

Meta impjant tal-kombustjoni jkun estiż b'mill-inqas 50 MW, il-valuri tal-limiti ta' emissjoni kif stabbiliti fil-parti B tal-Annessi III sa VII għandhom japplikaw għall-parti l-ġdida tal-impjant u għandhom jiġu ffissati skond il-kapaċità termika tal-impjant kollu. Din id-disposizzjoni m'għandhiex tapplika fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 8(2) u (3).

Meta l-operatur ta' impjant tal-kombustjoni jkun qed jipprevedi bidla skond l-Artikoli 2 (10)(b) u 12(2) tad-Direttiva 96/61/KE, il-valuri tal-limiti ta' emissjoni kif stabbiliti fil-parti B tal-Annessi III sa VII dwar id-diossidu tal-kubrit, l-ossidi tan-nitroġenu u t-trab għandhom japplikaw.

*Artikolu 11*

Fil-każ ta' kostruzzjoni ta' impjanti tal-kombustjoni li x'aktarx ikollhom effetti sinifikattivi fuq l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sseħħ l-informazzjoni u l-konsultazzjoni kollha xierqa, skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent ([1]).

*Artikolu 12*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-monitoraġġ, skond l-Anness VIII (A), ta' emissjonijiet minn impjanti tal-kombustjoni koperti b'din id-Direttiva u tal-valuri l-oħra kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li dan il-monitoraġġ jitwettaq għall-ispejjeż ta' l-operatur.

*Artikolu 13*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-operatur jinforma lill-awtoritajiet kompetenti fil-limiti ta' żmien raġjonevoli dwar ir-riżultati tal-kejl kontinwu, il-verifikar tat-tagħmir tal-kejl, il-kejl individwali u l-kejl l-oħra kollha mwettqa sabiex tkun stmata l-konformità ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 14*

1. Fil-każ ta' kejl kontinwu, il-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet stabbiliti fil-parti A tal-Annessi III sa VII għandhom jitqiesu bħala li kien hemm konformità magħhom, jekk l-evalwazzjoni tar-riżultati tindika li, għas-sigħat ta' operazzjoni f'sena kalendarja:

(a) ebda wieħed mill-valuri medji ta' xahar skond il-kalendarju ma jeċċedi l-valuri tal-limitu ta' emissjoni; u

(b) fil-każ ta:

(i) diossidu tal-kubrit u trab: 97 % tal-valuri medji kollha ta' 48 siegħa ma jeċċedux 110 % tal-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet,

(ii) ossidji tan-nitroġenu: 95 % tal-valuri medji kollha ta' 48 siegħa ma jeċċedux 110 % tal-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet,

([1]) ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE (ĠU L 73, 14.3.1997, p. 5).

▼B

Il-perjodi msemmija fl-Artikolu 7 kif ukoll il-perjodi ta' bidu u tmiem għandhom jiġu injorati.

2. F'każijiet fejn huwa meħtieġ biss kejl mhux kontinwu jew proċeduri xierqa oħra għad-deċiżjoni, il-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet stabbiliti fl-Annessi III sa VII għandhom jitqiesu li kien hemm konformità magħhom jekk ir-riżultati ta' kull waħda mis-serje ta' kejl jew ta' proċeduri oħra definiti u deċiżi skond ir-regoli stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti ma jeċċedux il-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet.

3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5 (2), ir-rati ta' desulphurisation għandhom jitqiesu bħala li kien hemm konformità magħhom jekk l-evalwazzjoni tal-kejl imwettqa skond l-Anness VIII, punt A.3, jindika li l-valuri medji kollha ta' kull xahar kalendarju jew il-valuri kollha medji li jinbidlu ta' kull xahar jiksbu r-rati ta' desulphurisation meħtieġa.

Il-perjodi msemmija fl-Artikolu 7 kif ukoll il-perjodi ta' bidu u tmiem għandhom jiġu injorati.

4. Għal impjanti ġodda li għalihom tingħata liċenza skond l-Artikolu 4(2), il-valuri tal-limiti ta' emissjonijiet għandhom ikunu kunsidrati, għal sigħat ta' operazzjoni f'sena kalendarja, bħala konformi jekk:

(a) ebda valur medju validu tal-jum ma jeċċedi ċ-ċifri rilevanti stabbiliti fil-Parti B tal-Annessi III sa VII, u

(b) 95 % tal-valuri medji fis-siegħa validi matul is-sena ma jeċċedux 200 % taċ-ċifri rilevanti stabbiliti fil-parti B tal-Annessi III sa VII.

Il-"valuri medji validi" huma determinati kif stabbilit fil-punt A.6 ta' l-Anness VIII.

Il-perjodi msemmija fl-Artikolu 7 kif ukoll il-perjodi ta' bidu u tmiem għandhom jiġu njorati.

*Artikolu 15*

1. L-Istati Membri għandhom, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1990, jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-programmi mfassla skond l-Artikolu 3 (1).

Mhux iktar tard minn sena wara t-tmiem tal-fażijiet differenti għat-tnaqqis ta' emissjonijiet mill-impjanti eżistenti, l-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni rapport fil-qasir dwar ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-programmi.

Huwa meħtieġ ukoll rapport intermedju f'nofs kull fażi.

2. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jipprovdu vista globali ta':

(a) l-impjanti kollha ta' kombustjoni koperti b'din id-Direttiva,

(b) l-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit, u l-ossidi tan-nitroġenu espressi f'tunnellati metriċi fis-sena u bħala konċentrazzjonijiet ta' dawn is-sustanzi fil-gassijiet ta' l-iskart,

(ċ) miżuri diġà meħuda jew previsti bil-għan li jonqsu l-emissjonijiet, u fil-bidliet fl-għażla ta' karburant użat,

(d) bidliet fil-metodu ta' operar diġà magħmula jew previsti,

(e) egħluq definittiv ta' l-impjanti ta' kombustjoni diġà effettwati jew previsti, u

(f) fejn xieraq, il-valuri tal-limiti ta' emissjoni imposti fil-programmi dwar l-impjanti eżistenti.

Fid-deċiżjoni dwar l-emissjonijiet u l-konċentrazzjonijiet annwali ta' tniġġis fil-gassijiet tal-iskart, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-Artikoli 12, 13 u 14.

3. L-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 5 jew id-disposizzjonijiet tan-Nota Bene fl-Anness III jew in-noti tal-qiegħ fl-Anness VI.A. għandhom kull sena jirrapurtaw fuqhom lill-Kummissjoni.

▼B

*Artikolu 16*

L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu l-penali applikabbli għall-ksur tad-disposizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. Il-penali hekk previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u ta' deterrent.

*Artikolu 17*

1. Id-Direttiva 88/609/KEE għandha titħassar b'effett mis-27 ta' Novembru 2002, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 jew għall-obbligi tal-Istati Membri dwar il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva elenkata fl-Anness IX ta' hawnhekk.

2. Fil-każ ta' impjanti ġodda liċenzjati qabel is-27 ta' Novembru 2002 kif imsemmi fl-Artikolu 4 (1) ta' din id-Direttiva, l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 5 (2), l-Artikolu 6, l-Artikolu 15(3), l-Annessi III, VI, VIII u l-punt A.2 tal-Anness IX tad-Direttiva 88/609/KEE kif emendat bid-Direttiva 94/66/KE għandhom jibqgħu fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2008, wara liema għandhom jitħassru.

3. Ir-Referenzi għad-Direttiva 88/609/KEE għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness X ta' hawnhekk.

*Artikolu 18*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel is-27 ta' Novembru 2002. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. Għal impjant eżistenti, u għal impjant ġdid li għalihom toħroġ liċenza skond l-Artikolu 4(1), id-disposizzjonijiet tal-punt A.2 tal-Anness VII għandhom ikunu applikati mis-27 ta' Novembru 2004.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fis-settur kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 19*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 20*

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*ANNESS I*

## IL-LIMITI U L-MIRI TA' TNAQQIS GĦAL EMISSJONIJIET TA' $SO_2$ MINN IMPJANTI EŻISTENTI (1) (2)

| L-Istat Membru | 0 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | emissjonijiet $SO_2$ minn impjanti kbar tal-kombustjoni ktunnellati metriċi | Il-limitu ta' l-emissjoni (ktunnellati metriċi /sena) | | | tnaqqis% tal-emissjonijiet ta' l-1980 | | | tnaqqis% tal-emissjonijiet aġġustati ta' l-1980 | | |
| | | Fażi 1 | Fażi 2 | Fażi 3 | Fażi 1 | Fażi 2 | Fażi 3 | Fażi 1 | Fażi 2 | Fażi 3 |
| | | 1993 | 1998 | 2003 | 1993 | 1998 | 2003 | 1993 | 1998 | 2003 |
| Il-Belġju | 530 | 318 | 212 | 159 | -40 | -60 | -70 | -40 | -60 | -70 |
| ▼A1 Ir-Repubblika Ċeka | 1 408 | 919 | 303 | 155 | -35 | -79 | -89 | -35 | -79 | -89 |
| ▼B Id-Danimarka | 323 | 213 | 141 | 106 | -34 | -56 | -67 | -40 | -60 | -70 |
| Il-Ġermanja | 2 225 | 1 335 | 890 | 668 | -40 | -60 | -70 | -40 | -60 | -70 |
| ▼A1 L-Estonja | 240 | 123 | 91 | 76 | -49 | -62 | -68 | -49 | -62 | -68 |
| ▼B Il-Greċja | 303 | 320 | 320 | 320 | +6 | +6 | +6 | -45 | -45 | -45 |
| Spanja | 2 290 | 2 290 | 1 730 | 1 440 | 0 | -24 | -37 | -21 | -40 | -50 |
| Franza | 1 910 | 1 146 | 764 | 573 | -40 | -60 | -70 | -40 | -60 | -70 |
| L-Irlanda | 99 | 124 | 124 | 124 | +25 | +25 | +25 | -29 | -29 | -29 |
| L-Italja | 2 450 | 1 800 | 1 500 | 900 | -27 | -39 | -63 | -40 | -50 | -70 |
| ▼A1 Ċipru | 17 | 29 | 32 | 34 | +71 | +88 | +100 | +71 | +88 | +100 |
| Il-Latvja | 60 | 40 | 30 | 25 | -30 | -50 | -60 | -30 | -50 | -60 |
| Il-Litwanja | 163 | 52 | 64 | 75 | -68 | -61 | -54 | -68 | -61 | -54 |
| ▼B Il-Lussemburgu | 3 | 1,8 | 1,5 | 1,5 | -40 | -50 | -60 | -40 | -50 | -50 |

(1) Jistgħu jiġu kkawżati emissjonijiet addizzjonali minn kapaċità awtorizzata fi jew wara l-1 ta' Lulju 1987.

(2) Emissjonijiet li jiġu minn impjanti tal-kombustjoni awtorizzati qabel l-1 ta' Lulju 1987 iżda li ma kinux joperaw qabel dik id-data u li ma ttieħedx kont tagħhom fid-deċiżjoni tal-limiti ta' l-emissjonijiet iffissati minn dan l-Anness, għandhom jew jikkonformaw mal-ħtiġijiet stabbiliti b'din id-Direttiva għal impjanti ġodda jew jittieħed kont tagħhom fl-emissjonijiet globali minn impjanti eżistenti li ma jridux jeċċedu l-limiti ffissati f'dan l-Anness.

▼B

| L-Istat Membru | 0 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | emissjonijiet $SO_2$ minn impjanti kbar tal-kombustjoni ktunnellati metriċi | Il-limitu ta' l-emissjoni (ktunnellati metriċi /sena) | | | tnaqqis% tal-emissjonijiet ta' l-1980 | | | tnaqqis% tal-emissjonijiet aġġustati ta' l-1980 | | |
| | | Fażi 1 | Fażi 2 | Fażi 3 | Fażi 1 | Fażi 2 | Fażi 3 | Fażi 1 | Fażi 2 | Fażi 3 |
| | | 1993 | 1998 | 2003 | 1993 | 1998 | 2003 | 1993 | 1998 | 2003 |
| ▼A1 L-Ungerija | 720 | 429 | 448 | 360 | -40 | -38 | -50 | -40 | -38 | -50 |
| Malta | 12 | 13 | 17 | 14 | +14 | +51 | +17 | +14 | +51 | +17 |
| ▼B L-Olanda | 299 | 180 | 120 | 90 | -40 | -60 | -70 | -40 | -60 | -70 |
| Il-Portugall | 115 | 232 | 270 | 206 | +102 | +135 | +79 | -25 | -13 | -34 |
| ▼A1 Il-Polonja | 2 087 | 1 454 | 1 176 | 1 110 | -30 | -44 | -47 | -30 | -44 | -47 |
| Is-Slovenja | 125 | 122 | 98 | 49 | -2 | -22 | -61 | -2 | -22 | -61 |
| Is-Slovakkja | 450 | 177 | 124 | 86 | -60 | -72 | -81 | -60 | -72 | -81 |
| ▼B Ir-Renju Unit | 3 883 | 3 106 | 2 330 | 1 553 | -20 | -40 | -60 | -20 | -40 | -60 |
| L-Awstrija | 90 | 54 | 36 | 27 | -40 | -60 | -70 | -40 | -60 | -70 |
| Il-Finlandja | 171 | 102 | 68 | 51 | -40 | -60 | -70 | -40 | -60 | -70 |
| L-Isvezja | 112 | 67 | 45 | 34 | -40 | -60 | -70 | -40 | -60 | -70 |

▼B

*ANNESS II*

## IL-LIMITI U L-MIRI TA' TNAQQIS GĦAL EMISSJONIJIET TA' $NO_X$ MINN IMPJANTI EŻISTENTI (1) (2)

| L-Istat Membru | 0 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | emissjonijiet $NO_x$ (bħala $NO_2$) minn impjanti kbar tal-kombustjoni 1980 ktunnellati metriċi | limiti ta' emissjonijiet $NO_X$ (ktunnellati metriċi / sena) | | tnaqqis% tal-emissjonijiet tal-1980 | | tnaqqis% tal-emissjonijiet aġġustati ta' l-1980 emissions | |
| | | Fażi 1 | Fażi2 | Fażi 1 | Fażi 2 | Fażi 1 | Fażi 2 |
| | | 1993 (1) | 1998 | 1993 (1) | 1998 | 1993 (1) | 1998 |
| Il-Belġju | 110 | 88 | 66 | -20 | -40 | -20 | -40 |
| ▼A1 Ir-Repubblika Ċeka | 403 | 228 | 113 | -43 | -72 | -43 | -72 |
| ▼B Id-Danimarka | 124 | 121 | 81 | -3 | -35 | -10 | -40 |
| Il-Ġermanja | 870 | 696 | 522 | -20 | -40 | -20 | -40 |
| ▼A1 L-Estonja | 20 | 10 | 12 | -52 | -40 | -52 | -40 |
| ▼B Il-Greċja | 36 | 70 | 70 | +94 | +94 | 0 | 0 |
| Spanja | 366 | 368 | 277 | +1 | -24 | -20 | -40 |
| Franza | 400 | 320 | 240 | -20 | -40 | -20 | -40 |
| L-Irlanda | 28 | 50 | 50 | +79 | +79 | 0 | 0 |
| L-Italja | 580 | 570 | 428 | -2 | -26 | -20 | -40 |
| ▼A1 Ċipru | 3 | 5 | 6 | +67 | +100 | +67 | +100 |
| Il-Latvja | 10 | 10 | 9 | -4 | -10 | -4 | -10 |
| Il-Litwanja | 21 | 8 | 11 | -62 | -48 | -62 | -48 |
| ▼B Il-Lussemburgu | 3 | 2,4 | 1,8 | -20 | -40 | -20 | -40 |
| ▼A1 L-Ungerija | 68 | 33 | 34 | -51 | -49 | -51 | -49 |
| Malta | 1.7 | 7 | 2.5 | +299 | +51 | +299 | +51 |
| ▼B L-Olanda | 122 | 98 | 73 | -20 | -40 | -20 | -40 |

(1) Jistgħu jiġu kawżati emissjonijiet addizzjonali minn kapaċità awtorizzata fi jew wara l-1 ta' Lulju 1987.

(2) Emissjonijiet minn impjanti tal-kombustjoni awtorizzati qabel l-1 ta' Lulju 1987 iżda li ma kinux joperaw qabel dik id-data u li ma ġiex meħud kont tagħhom id-deċiżjoni tal-limiti ta' emissjonijiet iffissati minn dan l-Anness, għandhom jew jikkonformaw mal-ħtiġijiet stabbiliti b'din id-Direttiva għal impjanti ġodda jew jittieħed kont tagħhom fl-emissjonijiet globali minn impjanti eżistenti li ma jridux jeċċedu l-limiti ffissati f'dan l-Anness.

▼B

| L-Istat Membru | 0 | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | emissjoni-jiet $NO_x$ (bħala $NO_2$) minn impjanti kbar tal-kombust-joni 1980 ktunnel-lati metriċi | limiti ta' emissjonijiet $NO_X$ (ktunnellati metriċi / sena) | | tnaqqis% tal-emissjonijiet tal-1980 | | tnaqqis% tal-emissjonijiet aġġustati ta' l-1980 emissions | |
| | | Fażi 1 | Fażi2 | Fażi 1 | Fażi 2 | Fażi 1 | Fażi 2 |
| | | 1993 (1) | 1998 | 1993 (1) | 1998 | 1993 (1) | 1998 |
| Il-Portugall | 23 | 59 | 64 | +157 | +178 | -8 | 0 |
| ▼A1 Il-Polonja | 698 | 426 | 310 | -39 | -56 | -39 | -56 |
| Is-Slovenja | 17 | 15 | 16 | -12 | -6 | -12 | -6 |
| Is-Slovakkja | 141 | 85 | 46 | -40 | -67 | -40 | -67 |
| ▼B Ir-Renju Unit | 1 016 | 864 | 711 | -15 | -30 | -15 | -30 |
| L-Awstrija | 19 | 15 | 11 | -20 | -40 | -20 | -40 |
| Il-Finlandja | 81 | 65 | 48 | -20 | -40 | -20 | -40 |
| L-Isvezja | 31 | 25 | 19 | -20 | -40 | -20 | -40 |

(1) L-Istati Membri jistgħu għal raġunijiet tekniċi itawwlu sa sentejn id-data ta' fażi 1 għat-tnaqqis ta' emissjonijiet $NO_X$ billi jinnotifikaw lill-Kummissjoni fi żmien xahar min-notifika ta' din id-Direttiva.

▼B

*ANNESS III*

## VALURI TAL-LIMITI TA' EMISSJONIJIET GĦAL $SO_2$

### Karburant solidu

A. Valuri tal-limiti ta' emissjonijiet $SO_2$ espressi f'mg/Nm³ (kontenut $O_2$ 6 %) li għandhom jiġu applikati minn impjanti ġodda u eżistenti skond l-Artikolu 4 (1) u 4 (3) rispettivament:




*Ara sew:* Meta l-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet ta' hawn fuq ma jistgħux jintlaħħqu minħabba l-karatteristiċi tal-karburant, għandha tintlaħaq rata ta' desulphurisation ta' mill-inqas 60 % fil-każ ta' impjanti b'input ta' rata termika ta' inqas minn jew ugwali għal 100 MWth, 75 % għal impjanti ikbar minn 100 MWth u inqas minn jew ugwali għal 300 MWth u 90 % għal impjanti ikbar minn 300 MWth. Għal impjanti ikbar minn 500 MWth, għandha tapplika rata ta' desulphurisation ta' mill-inqas 94 % jew ta' mill-inqas 92 % meta jidħol fis-seħħ kuntratt għat-twaħħil ta' desulphurisation ta' gass flue jew tagħmir ta' injezzjoni tal-ġir, u x-xogħol fuq l-istallazzjoni tiegħu ikun beda, qabel l-1 ta' Jannar 2001.

B. Valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet $SO_2$ espressi f'mg/Nm³ (kontenut $O_2$ 6 %) li għandhom jiġu applikati minn impjanti ġodda skond l-Artikolu 4 (2) bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass.

| Tip ta' karburant | 50 sa 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|---|
| Biomassa | 200 | 200 | 200 |
| Każ ġenerali | 850 | 200 (1) | 200 |

(1) Ħlief fil-każ tar-Reġjuni l-iktar fuq Barra fejn għandhom japplikaw 850 sa 200 mg/Nm³ (tnaqqis lineari).

*Ara sew:* Meta l-valuri tal-limiti ta' l-emissjonijiet ta' hawn fuq ma jistgħux jintlaħħqu minħabba l-karatteristiċi tal-karburant, l-istallazzjonijiet għandhom jakkwistaw 300 mg/Nm³ $SO_2$, jew rata ta' desulphurisation ta' mill-inqas 92 % għandha tintaħaq fil-każ ta' impjanti b'input termiku ratifikat ta' inqas minn jew ugwali għal 300 MWth u fil-każ ta' impjanti b'input termiku ratifikat ikbar

▼**B**

minn 300 MWth għandha tapplika rata ta' desulphurisation ta' mill-inqas 95 % flimkien mal-valur tal-limitu ta' emissjoni massima permessibbli ta' 400 mg/Nm$^3$.

▼B

*ANNESS IV*

## VALURI TAL-LIMITI TA' EMISSJONIJIET GĦAL $SO_2$

### Karburanti likwidi

A. Valuri tal-limiti ta' emissjonijiet $SO_2$ espressi f'mg/Nm³ (kontenut $O_2$ 3 %) li għandhom jiġu applikati minn impjanti ġodda u eżistenti skond l-Artikoli 4 (1) u 4 (3) rispettivament:




B. Valuri tal-limiti ta' emissjonijiet $SO_2$ espressi f'mg/Nm³ (kontenut $O_2$ 3 %) li għandhom jiġu applikati minn impjanti ġodda skond l-Artikolu 4 (2) bl-eċċezzjoni ta' turbini tal-gass.

| 50 sa 100 MWth | 100 sa 300 MWth | > 300 MWth |
|---|---|---|
| 850 | 400 sa 200 (tnaqqis linerali) (1) | 200 |

(1) Ħlief fil-każ tar-Reġjuni l-iktar fuq Barra fejn għandhom japplikaw 850 sa 200 mg/Nm³ (tnaqqis lineari).

Fil-każ ta' żewġ stallazzjonijiet b'input termiku ratifikat ta' 250 MWth fuq Kreta u Rodi li għandhom jiġu liċenzjati qabel il-31 ta' Diċembru 2007, il-valur tal-limitu ta' emissjoni ta' 1 700 mg/Nm³ għandu japplika.

▼B

*ANNESS V*

## VALURI TAL-LIMITI TA' EMISSJONI GĦAL $SO_2$

### Karburanti tal-gass

A. Valuri tal-limiti ta' emissjoni $SO_2$ espressi f'mg/$Nm^3$ (kontenut $O_2$ 3 %) li għandhom jiġu applikati minn impjanti ġodda u eżistenti skond l-Artikolu 4 (1) u 4 (3), rispettivament:

| It-Tip ta' karburant | Valuri tal-limiti (mg/$Nm^3$) |
|---|---|
| Karburanti tal-gass in ġenerali | 35 |
| Gass likwifikat | 5 |
| Gassijiet kalorifiċi baxxi mill-gassifikar tar-residwi ta' l-irfinaturi gass tal-forn tal-coke, gass tal-blast furnace | 800 |
| Gass mill-gassifikar tal-faħam | ([1]) |

([1]) Il-Kunsill jiffissa l-valuri tal-limiti ta' emissjoni applikabbli għal dan il-gass fi stadju iktar tard fuq il-bażi ta' proposti mill-Kummissjoni li għandhom isiru fid-dawl ta' iktar esperjenza teknika.

B. Valuri tal-limiti ta' emissjoni $SO_2$ espressi f'mg/$Nm^3$ (kontenut $O_2$ 3 %) li għandhom jiġu applikati minn impjanti ġodda skond l-Artikolu 4:

| | |
|---|---|
| Karburanti gassużi in ġenerali | 35 |
| Gass likwifikat | 5 |
| Gassijiet kalorifiċi baxxi minn forn tal-coke | 400 |
| Gassijiet kalorifiċi baxxi minn blast furnace | 200 |

▼B

*ANNESS VI*

**VALURI TAL-LIMITI TA' EMISSJONI GĦAL $NO_X$ (IMKEJJLA BĦALA $NO_2$)**

A. Valuri tal-limiti ta' emissjoni $NO_X$ espressi f'mg/Nm³ (kontenut $O_2$ 6 % għal karburanti solidi, 3 % għal karburanti likwidi u gassużi) li għandhom jiġu applikati minn impjanti ġodda u eżistenti skond l-Artikoli 4 (1) u 4 (3), rispettivament:

| It-Tip ta' karburant: | Valuri tal-limiti [1] (mg/Nm³) |
|---|---|
| Solidi [2] [3]: | |
| 50 sa 500 MWth: | 600 |
| > 500 MWth: | 500 |
| Mill-1 ta' Jannar 2016 | |
| 50 sa 500 MWth: | 600 |
| > 500 MWth: | 200 |
| Likwidi: | |
| 50 sa 500 MWth: | 450 |
| > 500 MWth: | 400 |
| Gassużi: | |
| 50 sa 500 MWth: | 300 |
| > 500 MWth: | 200 |

(1) Ħlief fil-każ tar-"Reġjuni l-iktar 'il Barra" meta japplikaw il-valuri li ġejjin:

Solidi in ġenerali: 650

Solidi b' < 10 % vol comps: 1 300

Likwidi: 450

Gassużi: 350

(2) Sal-31 ta' Diċembru 2015 impjanti ta' input termiku ratifikat ikbar minn 500 MW, li mill-2008 'l hemm ma joperawx iktar minn 2 000 siegħa fis-sena (medja li tinbidel tul perjodu ta' ħames snin), għandhom:

— fil-każ ta' impjant liċenzjat skond l-Artikolu 4 (3)(a), ikun soġġett għal valur tal-limitu għal emissjonijiet ta' ossidu tan-nitroġenu (mkejjel bħala $NO_2$) ta' 600mg/Nm³;

— Fil-każ ta' impjant soġġett għal pjan nazzjonali taħt l-Artikolu 4(6), ikollhom il-kontribuzzjoni għall-pjan nazzjonali stmata fuq il-bażi tal-valur tal-limitu ta' 600 mg/Nm³.

Mill-1 ta' Jannar 2016 dawn l-impjanti, li ma joperawx iktar minn 1 500 siegħa fis-sena (medja li tinbidel tul perjodu ta' ħames snin), għandhom ikunu soġġetti għall-valur tal-limitu għal emissjonijiet ta' l-ossidu tan-nitroġenu (mkejjla bħala $NO_2$) ta' 450 mg/Nm³.

(3) Sa l-1 ta' Jannar 2018 fil-każ ta' impjanti li fil-perjodu ta' 12-il xahar li jintemm fl-1 ta' Jannar 2001 operaw fuq, u jibqgħu joperaw fuq, karburanti solidi li l-kontenut volatili tagħhom hu inqas minn 10 %, 1 200 mg/Nm³, għandhom japplikaw.

B. Valuri tal-limiti ta' emissjoni $NO_X$ espressi f'mg/Nm³ li għandhom jiġu applikati minn impjanti ġodda skond l-Artikolu 4 (2) ħlief għat-turbini tal-gass:

*Karburanti solidi (kontenut $O_2$ 6 %)*

| It-Tip ta' karburant | 50 sa 100 MWth: | 100 sa 300 MWth: | > 300 MWth: |
|---|---|---|---|
| Biomassa | 400 | 300 | 200 |
| Każ ġenerali | 400 | 200 [1] | 200 |

(1) Ħlief fil-każ tar-"Reġjuni l-iktar 'il Barra" meta għandhom japplikaw 300 mg/Nm³.

▼B

*Karburanti likwidi (kontenut $O_2$ 3 %)*

| 50 sa 100 MWth: | 100 sa 300 MWth: | > 300 MWth: |
|---|---|---|
| 400 | 200 (1) | 200 |

(1) Ħlief fil-każ tar-"Reġjuni l-iktar 'il Barra" meta għandhom japplikaw 300 mg/Nm³.

Fil-każ ta' żewġ stallazzjonijiet b'*input* termiku ggradat ta' 250MWth fi Kreta u Rodi li għandhom jiġu liċenzjati qabel l-31 ta' Diċembru 2007, il-valur tal-limitu ta' l-emissjoni ta 400mg/Nm³ għandu jgħodd

*Karburanti tal-gass (kontenut $O_2$ 3 %)*

| | 50 sa 300 MWth: | > 300 MWth: |
|---|---|---|
| Gass naturali (nota 1) | 150 | 100 |
| Gassijiet oħra | 200 | 200 |

*Turbini tal-gass*

Valuri tal-limiti ta' emissjoni $NO_X$ espressi f'mg/Nm³ (kontenut $O_2$ 15 %) li għandhom jiġu applikati minn unità singola ta' turbin tal-gass skond l-Artikolu 4 (2) (il-valuri tal-limiti japplikaw biss għal tagħbija 'il fuq minn 70 %):

| | > 50 MWth:<br>(input termiku f'kondizzjonijiet ISO) |
|---|---|
| Gass naturali (Nota 1) | 50 (Nota 2) |
| Karburanti likwidi (Nota 3) | 120 |
| Karburanti tal-gass (minbarra gass naturali) | 120 |

Turbini tal-gass għal użu ta' emerġenza li joperaw inqas minn 500 siegħa fis-sena huma esklużi minn dawn il-valuri tal-limiti. L-operatur ta' dawn l-impjanti hu meħtieġ jissottometti kull sena lill-awtorità kompetenti nota tal-ħin użat.

*Nota 1:* Il-Gass naturali huwa metan li jinħoloq naturali b'mhux iktar minn 20 % (skond il-volum) ta' inerti u kostitwenti oħrajn.

*Nota 2:* 75 mg/Nm³ fil-każijiet li ġejjin, fejn l-effiċjenza tat-turbin tal-gass hi determinata mill-kondizzjonijiet tat-tagħbija bażi ISO:

— turbini tal-gass, użati f'sistemi ta' sħana u power kombinati li għandhom effiċjenza globali ta' iktar minn 75 %;

— turbini tal-gass, użati f'impjanti ta' ċiklu konġunti li għandhom effiċjenza elettrika globali medja annwali ta' iktar minn 55 %;

— turbini tal-gass għal sewqan mekkaniku.Għal turbini tal-gass ta' ċiklu wieħed li ma jaqgħu f'ebda waħda mill-kategoriji ta' hawn fuq, iżda li għandhom effiċjenza ta' iktar minn 35 %- determinati bil-kondizzjonijiet ta' tagħbija bażi ISO -il-valur tal-limitu ta' emissjoni għandu jkun 50° g/35 fejn g hija l-effiċjenza tat-turbin tal-gass espressa bħala perċentwali (u b'kondizzjonijiet ta' tagħbija bażi ISO).

*Nota 3:* Dan il-valur tal-limitu ta' emissjoni japplika biss għal turbini tal-gass li jaħarqu distillati ħfief u medji.

▼B

*ANNESS VII*

## VALURI TAL-LIMITI TA' EMISSJONI GĦAT-TRAB

A. Valuri tal-limiti ta' emissjoni tat-trab espressi f'mg/$Nm^3$ (kontenut $O_2$ 6 % għal karburanti solidi, 3 % għal karburanti likwidi u gassużi) li għandhom jiġu applikati minn impjanti ġodda u eżistenti skond l-Artikoli 4 (1) u 4 (3), rispettivament:

| It-Tip ta' karburant | L-Input termiku ratifikat (MW) | Il-Valuri tal-limiti ta' emissjoni (mg/$Nm^3$) |
|---|---|---|
| Solidi | Å 500<br>< 500 | 50 ([2])<br>100 |
| Likwidi ([1]) | l-impjanti kollha | 50 |
| Gassużi | l-impjanti kollha | 5 bħala regola<br>10 għal gass ta' blast furnace<br>50 għal gassijiet prodotti mill-industrija ta' l-azzar li tista' tintuża mkien ieħor |

([1]) Valur tal-limitu ta' 100 mg/$Nm^3$ jista' jiġi applikat għal impjanti b'input termiku ratifikat ta' inqas minn 500 MWth li jaħarqu karburant likwidu b'kontenut ta' rmied ta' iktar minn 0,06 %.

([2]) Valur tal-limitu ta' 100 mg/$Nm^3$ jista' jiġi applikat għal impjanti liċenzjati skond l-Artikolu 4 (3) b'input termiku ratifikat ikbar minn jew daqs 500 MWth li jaħraq karburant solidu b'kontenut ta' sħana ta' inqas minn 5 800 kJ/kg (valur kalorifiku nett), kontenut niedi ta' iktar minn 45 % skond il-piż, kontenut niedi u ta' rmied konġunti ta' iktar minn 60 % skond il-piż u l-kontenut ta' l-ossidu tal-kalċju ta' iktar minn 10 %.

B. Valuri tal-limiti ta' emissjoni tat-trab espressi f'mg/$Nm^3$ li għandhom jiġu applikati minn impjanti ġodda, skond l-Artikolu 4 (2) ħlief għat-turbini tal-gass:

*Karburanti solidi (kontenut $O_2$ 6 %)*

| 50 sa 100 MWth: | >100 MWth: |
|---|---|
| 50 | 30 |

*Karburanti likwidi (kontenut $O_2$ 3 %)*

| 50 sa 100 MWth: | >100 MWth: |
|---|---|
| 50 | 30 |

Fil-każ ta' żewġ stallazzjonijiet b'input termiku ratifikat ta' 250 MWth fuq Kreta u Rodi li għandhom jiġu liċenzjati qabel il-31 ta' Diċembru 2007, il-valur tal-limitu ta' emissjoni ta' 50 mg/$Nm^3$ għandu japplika.

*Karburanti gassużi (kontenut $O_2$ 3 %)*

| | |
|---|---|
| Bħala regola | 5 |
| Għal gass ta' blast furnace | 10 |
| Għal gassijiet prodotti mill-industrija ta' l-azzar li jistgħu jintużaw imkien ieħor | 30 |

▼B

*ANNESS VIII*

## IL-METODI TA' KEJL TA' L-EMISSJONIJIET

A. **Proċeduri għall-kejl u l-evalwazzjoni ta' l-emissjonijiet minn impjanti ta' kombustjoni.**

1. *Sas-27 ta' Novembru 2004*

Il-Konċentrazzjonijiet ta' $SO_2$, tat-trab, $NO_X$ għandhom jitkejjlu kontinwament fil-każ ta' impjanti ġodda li għalihom tingħata liċenza skond l-Artikolu 4 (1) b'input termiku ratifikat ta' iktar minn 300 MW. Madanakollu, monitoring ta' $SO_2$ u trab jista' jkun konfinat għal kejl diskontinwu jew proċeduri ta' determinazzjoni oħra xierqa f'każijiet fejn dawn il-miżuri jew il-proċeduri, li għandhom ikunu verifikati u approvati mill-awtoritajiet kompetenti, jistgħu jintużaw biex tinkiseb konċentrazzjoni.

Fil-każ ta' impjanti ġodda li tingħatalhom liċenzja skond l-Artikolu 4 (1) li mhux koperti bl-ewwel sub-paragarfu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li jitwettqu miżuri kontinwi ta' dawk it-tlett oġġetti li jniġġsu fejn ikun kunsidrat meħtieġ. Meta ma jkun meħtieġ kejl kontinwu, għandu jintuża regolarment kejl mhux kontinwu jew proċeduri xierqa ta' determinazzjoni kif approvati mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jevalwaw il-kwantità tas-sustanzi msemmija hawn fuq li huma preżenti fl-emissjonijiet.

2. *Mis-27 ta' Novembru 2002 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18(2)*

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu kejl kontinwu ta' konċentrazzjonijiet ta' $SO_2$, $NO_X$, u trab minn gassijiet ta' l-iskart minn kull impjant ta' kombustjoni b'input termiku ratifikat ta' 100 MW jew iktar.

B'deroga mill-ewwel sub-paragrafu, il-kejl kontinwu jista' ma jkunx meħtieġ fil-każijiet li ġejjin:

— għal impjanti ta' kombustjoni b'ħajja ta' inqas minn 10 000 siegħa operattiva;

— għal $SO_2$ u trab minn boilers li jaħarqu gass naturali jew minn turbini tal-gass li jaħarqu gass naturali;

— għal $SO_2$ minn turbini tal-gass jew minn boilers li jaħarqu żejt b'kontenut magħruf tal-kubrit f'każijiet meta ma hemm ebda tagħmir ta' desulphurisation;

— għal $SO_2$ minn boilers li jaħarqu l-biomassa jekk l-operatur jista' jipprova li l-emissjonijiet $SO_2$ ma jistgħu taħt ebda ċirkostanzi jkunu ogħla mill-valuri tal-limiti ta' emissjoni stabbiliti.

Fejn mhux meħtieġ kejl kontinwu, għandu jkun meħtieġ kejl mhux kontinwu mill-inqas kull sitt xhur. Bħala alternattiva, proċeduri xierqa ta' determinazzjoni, li għandhom ikunu verifikati u approvati mill-awtoritajiet kompetenti, jistgħu jintużaw biex jevalwaw il-kwantità tat-tniġġis imsemmija hawn fuq li huma preżenti fl-emissjonijiet. Dawn il-proċeduri għandhom jużaw standards rilevanti CEN malli jkunu disponibbli. Jekk l-istandards CEN mhumiex standards disponibbli ISO, għandhom japplikaw standards nazzjonali jew internazzjonali li jiżguraw il-provvista ta' data ta' kwalità xjentifika ekwivalenti.

3. Fil-każ ta' impjanti li jridu jikkonformaw mar-rati ta' desulphurisation iffissati mill-Artikolu 5 (2) u l-Anness III, il-ħtiġijiet dwar il-kejl ta' emissjoni $SO_2$ stabbiliti taħt il-paragrafu 2 ta' dan il-punt għandhom japplikaw. Barra minn hekk, il-kontenut tal-kubrit tal-karburant li hu ntrodott fil-faċilitajiet ta' l-impjant ta' kombustjoni għandu jkun monitorat regolarment.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu infurmati bil-bidliet sostanzjali fit-tip ta' karburant użat jew bil-mod ta' l-operat ta' l-impjant. Għandhom jiddeċiedu jekk il-ħtiġijiet ta' monitoraġġ stabbiliti fil-paragrafu 2 għadhomx adegwati jew jeħtieġux adattament.

5. Il-kejl kontinwu mwettaq b'konformità mal-paragrafu 2 għandu jinkludi l-parametri rilevanti tal-proċess ta' l-operat tal-kontenut ta' l-ossiġenu, it-temperatura, il-pressa u l-kontenut tal-fwar tal-ilma. Il-kejl kontinwu tal-kontenut tal-fwar tal-ilma tal-gassijiet ta' l-ispurgar m'għandhomx ikunu meħtieġa, sakemm il-gass ta' l-ispurgar meħud bħala kampjun ikun imnixxef qabel ma l-emissjonijiet ikunu analizzati.

Kejl rappreżentattiv, jiġifieri t-teħid ta' kampjuni u l-analiżi tat-tniġġis relevanti u l-parametri ta' proċess kif ukoll il-metodi ta' kejl ta' referenza biex jikkalibraw is-sistemi ta' kejl awtomatiċi għandhom jitwettqu skond l-istandards CEN malli jkunu disponibbli. Jekk l-istandards CEN mhumiex standards ISO disponibbli, standards nazzjonali jew internazzjonali li jiżguraw il-provvista ta' data ta' kwalità xjentifika ekwivalenti għandhom japplikaw.

▼B

Is-sistemi ta' kejl kontinwu għandhom ikunu soġġetti għal kontroll permezz ta' kejl parallel mal-metodi ta' referenza mill-inqas kull sena.

6. Il-valuri ta' l-intervalli ta' konfidenza ta' 95 % ta' riżultat imkejjel wieħed m'għandhomx jeċċedu l-perċentwali li ġejjin tal-valuri tal-limiti ta' emissjoni:

| | |
|---|---|
| Idkubrit diossidu tal | 20 % |
| Lnitroġenu Ossidi tan | 20 % |
| It Trab | 30 % |

Il-valuri medji validati kull siegħa u kuljum għandhom ikunu stabbiliti mill-valuri medji mkejjla validati kull siegħa wara t-tnaqqis tal-valur ta' l-intervall ta' konfidenza speċifikat hawn fuq.

Kull jum li fih ikunu invalidi iktar minn tlett valuri medji kull siegħa minħabba tħaddim ħażin jew manutenzjoni tas-sistema ta' kejl kontinwu għandu jkun invalidat. Jekk ikunu invalidati iktar minn għaxart ijiem matul sena għal dawn is-sitwazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ li l-operatur jieħu miżuri adegwati biex itejjeb it-tħaddim tas-sistema ta' monitoraġġ kontinwu.

B. **Id-deċiżjoni ta' l-emissjonijiet annwali totali ta' l-impjanti ta' kombustjoni**

Sa u inkluż l-2003, l-awtoritajiet kompetenti għandhomjiksbu deċiżjoni ta' l-emissjonijiet annwali totali ta' $SO_2$ u $NO_X$ mill-impjanti ġodda ta' kombustjoni. Meta jintuża l-monitoraġġ kontinwu, l-operatur ta' l-impjant ta' kombustjoni għandu jgħodd separatament għal kull tniġġis il-massa tat-tniġġis li toħroġ kuljum, fuq il-bażi tad-distribuzzjoni volumetrika tar-rati tal-gassijiet ta' l-iskart. Meta ma jintużax monitoraġġ kontinwu, l-estimi ta' l-emissjonijiet annwali totali għandhom jiġu deċiżi mill-operatur fuq il-bażi tal-paragrafu A. 1 għas-sodsifazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-emissjonijiet annwali totali $SO_2$ u $NO_X$ ta' l-impjanti ta' kombustjoni ġodda fl-istess ħin bħall-komunikazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu Ċ. 3 dwar l-emissjonijiet annwali totali ta' l-impjanti eżistenti.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, mill-2004 u għal kull sena sussegwenti, inventarju ta' l-emissjonijiet ta' $SO_2$, $NO_X$ u trab mill-impjanti kollha ta' kombustjoni b'input termiku ratejali ta' 50 MW jew iktar. L-awtorità kompetenti għandha tikseb għal kull impjant imħaddem taħt il-kontroll ta' operatur wieħed f'post partikolari d-data li ġejja:

— l-emissjonijiet annwali totali ta' $SO_2$, $NO_X$ u trab (bħala partiċelli sospiżi totali).

— l-ammont annwali totali ta' l-input ta' l-enerġija, relatata mal-valur kalorifiku nett, imqassam f'termini ta' ħames kategoriji ta' karburant: il-biomassa, karburanti solidi oħra, karburanti likwidi, gass naturali, gassijiet oħra.

Sommarju tar-riżultati ta' dan l-inventarju li juri l-emissjonijiet separati minn irfinaturi għandu jiġi komunikat lill-Kummissjoni kull tlett snin fi żmien tnax-il xahar mill-aħħar tal-perjodu kunsidrat ta' tlett snin. Id-data ta' kull sena għal kull impjant għandha tkun disponibbli lill-Kummissjoni fuq talba. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli lill-Istati Membri sommarju tal-paragun u l-evalwazzjoni ta' l-inventarji nazzjonali fi żmien tnax-il xahar mill-wasla ta' l-inventarji nazzjonali.

Mill-1 ta' Jannar 2008 l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw kull sena lill-Kummissjoni dwar dawk l-impjanti eżistenti għall-eliġibbiltà taħt l-Artikolu 4 (4) flimkien ma' rekord tal-ħin użat u le għall-ħajja operattiva li jibqa' ta' l-impjanti.

Ċ. **Deċiżjoni ta' l-emissjonijiet annwali totali sa u inkluż l-2003**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, mill-1990 u għal kull sena sussegwenti sa u inkluż l-2003, inventarju ta' emissjonijiet komplet għall-impjanti eżistenti li jkopru $SO_2$ u $NO_X$:

   — fuq bażi ta' impjant b'impjant, għal impjanti 'l fuq minn 300 MWth u għall-irfinaturi;

   — fuq bażi globali għal impjanti ta' kombustjoni oħra li għalihom tapplika din id-Direttiva.

2. Il-metodoloġija wżata għal dawn l-inventarji għandha tkun konsistenti ma' dik użata biex ikunu deċiżi l-emissjonijiet $SO_2$ u $NO_X$ minn impjanti tal-kombustjoni fl-1980.

▼B

3. Ir-riżultati ta' dan l-inventarju għandhom jiġu komunikati lill-Kummissjoni f'forma aggregata konvenjenti fi żmien disa' xhur mill-aħħar tas-sena kunsidrata. Il-metodoloġija wżata biex jiġu stabbiliti dawn l-inventarji ta' l-emissjionijiet u l-informazzjoni bażi dettaljata għandhom ikunu magħmula disponibbli lil-Kummissjoni fuq talba tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha torganizza paragun sistematiku ta' dawn l-inventarji nazzjonali u, jekk xieraq, għandha tissottometti proposti lill-Kunsill b'mira għall-armonizzazzjoni ta' inventarji ta' metodoloġiji ta' emissjoni, għall-ħtiġijiet ta' l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva.

▼B

*ANNESS IX*

**IL-LIMITI TAŻ-ŻMIEN GĦAT-TRASPOŻIZZJONI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA MĦASSRA**

(imsemmija fl-Artikolu 17(1))

| Id-Direttiva | Limit ta' żmien għat-traspożizzjoni | Limiti ta' żmien għall-applikazzjoni |
|---|---|---|
| 88/609/KEE (ĠU L 336, 7.12.1988, p. 1) | 30 ta' Ġunju 1990 | 1 ta' Lulju 1990<br>31 ta' Diċembru 1990<br>31 ta' Diċembru 1993<br>31 ta' Diċembru 1998<br>31 ta' Diċembru 2003 |
| 94/66/KE (ĠU L 337, 24.12.1994, p. 83) | 24 ta' Ġunju 1995 | |

▼B

*ANNESS X*

**IT-TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

(Imsemmija fl-Artikolu 17(3))

| Din id-Direttiva | Id-Direttiva 88/609/KEE |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3 | Artikolu 3 |
| Artikolu 4 (1). | Artikolu 4 (1) |
| Artikolu 4(2), (3) u (4) | |
| Artikolu 4 (5) | Artikolu 4 (3) |
| Artikolu 4(6), (7) u (8) | |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| | Artikolu 6 |
| Artikolu 6 | |
| Artikolu 7 | Artikolu 8 |
| Artikolu 8 | Artikolu 9 |
| Artikolu 9 | Artikolu 10 |
| Artikolu 10 | Artikolu 11 |
| Artikolu 11 | Artikolu 12 |
| Artikolu 12 | Artikolu 13 (1) |
| Artikolu 13 | Artikolu 14 |
| Artikolu 14 | Artikolu 15 |
| Artikolu 15(1), (2) u (3) | Artikolu 16 (1), (2) u (4) |
| Artikolu 16 | |
| Artikolu 17 | |
| Artikolu 18(1), l-ewwel sub-paragarfu, u (3) | Artikolu 17 (1), u (2) |
| Artikolu 18(1), it-tieni sub-paragarfu, u (2) u l-Artikolu 19 | |
| Artikolu 20 | Artikolu 18 |
| L-Annessi I sa VIII | L-Annessi I sa IX |
| L-Annessi IX u X | - |